**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 19/07 - 29 ta' April 2014 - 17:30PM**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *Irtira mil-laqgħa fis-7.00pm* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Attenda fis-6.15pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *MILLICENT SCERRI* | *AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ* | |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

**AĠENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements*
3. Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)
4. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
5. Il-proġett ta' l-ERDF213 - *Follow up*
6. Tkomplija tat-toroq tal-PPP
7. Live Streaming
8. Rapport mill-Kunsillieri
9. Ħwejjeġ Oħra
10. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1 **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

i Il-Minuti tal-Laqgħa ta' l-Erbgħa 26 ta' Marzu, 2014 fil-5.30pm ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

iii Il-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja ta' Tlieta 8 ta' April 2014 fis-6.00pm ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

iv Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

2 **<u>Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements</u>**

i Preżenti għal-laqgħa kien hemm l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Ramon Cutajar mill-Kumpanija MAZARS. Huwa ta' spjegazzjoni tal-Audited Financial Statements hekk kif ipprezentati mill-Awdituri 3A. Huwa qal li kien hemm xi kambjamenti minn dawk hekk ippreżentanti oriġinarjament. Fosthom li l-Awdituri ma aċċettawx li minħabba l-5- aside ground l-accounts jitqiesu bħala group - consolidation. Is-Sur Cutajar kompla jispjega li jekk il-Kunsill fl-immedjat ma jirrisolvix dawn il-punti relatati ma' dan il-grawnd, fosthom per eżempju li tal-inqas ta' darba fis-sena jsir l-Audit, kif ukoll jekk ma jkunx hemm xi forma ta' income, din is-sitwazzjoni ser tibqa tippersisti sena wara l-oħra f'kull Audit. Spjegazzjoni tal-Audited Financial Statements

ii Il-Viċi Sindku Paul Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li bħalissa mhux isir l-logħob fil-grawnd peress li għad hemm każ pendenti l-Qorti fejn il-kumpanja lokali fittxet għad-danni lill-kumpanija Taljana minħabba l-istat diżastruż tat-turf. Każ il-Qorti tal-5 aside ground

iii Is-Sur Cutajar qal li apparti l-problema tal-grawnd, l-Awdituri taw indikazzjoni li l-financial indicator tal-Kunsill hija fin-negattiv. Kemm il-Viċi Sindku kif ukoll il-Kunsillier Lawrence Bonavia, rrimarkaw li din il-pożizzjoni inħolqot minħabba l-pagamenti fuq l-iskema tal-PPP. Negative Financial Indicator

iv Is-Sur Cutajar kompla jispjega li skond il-budget ippreżentat għal din is-sena attwali, il-Kunsill fuq xogħol kapitali jista jonfoq sa bejn wieħed u ieħor €50,000. Minn din is-somma pero, jrid jitnaqqas xogħol ta major patching għal valur approssimattiv ta' €18,000 li l-Kunsill diġa għamel. Xogħol Kapitali sa €50000

v Is-Sur Cutajar issuġġerixxa li biex il-Kunsill ikompli kemm bix-xogħol fuq it-toroq bl-iskema tal-PPP, kif ukoll jekk jidħol għal xi proġetti jew xogħol ieħor ta' valur konsiderevoli, irid l-ewwel u qabel kollox jara li fis-snin li ġejjin jew ikollu mija fil-mija sostenn finanzjarju minn xi forma ta' grants u/jew inkella jġemma somma sostanzjali imbagħad jikkunsidra li jippjana kwalunkwe xogħol. Sostenn Finanzjarju minn Grants

vi Il-Kunsill rringrazzja lis-Sur Ramon Cutajar u ġie mitlub jtenni r-ringrazzjamenti lid-Diretturi tal-Kumpanija MAZARS għax-xogħol siewi u għajnuna li dejjem taw lil dan il-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill unanimament approva l-Audited Financial Statements kif ippreżentati fejn is-seba' kopji ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Seg. Eżekuttiv.

3 **Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)** SKEDA

i L-Iskeda ta' Pagamenti ġiet iċċirkolata minn qabel lill-Kunsillieri kollha.

ii Il-Kunsillier Frans Agius seħaq li kemm il-Minuti kif ukoll l-iSkeda tal-Pagament suppost kellhom ikunu għand il-Kunsillieri ġimgħa qabel il-laqgħa li jkun imiss. Irrimarka wkoll li l-Iskeda għandha tkun aktar dettaljata fid-deskrizzjoni. Is-Seg. Eżek. wieġeb li għalkemm l-file bil-fatturi kollha qed ikun għad-dispożizzjoni tal-kunsill waqt kull laqgħa, ser jara li l-Minuti u l-Iskeda jintbgħatu jiem qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jkun imiss.

iii Il-Viċi Sindku talab sabiex jara l-fattura ta' Vella Group għal xogħol li sar ta' major patching f'parti minn Triq Santa Marija.

iii.i Il-Viċi Sindku talab sabiex il-Perit jattendi għal-laqgħa sabiex jispjega b'aktar dettal din il-fattura.

iii.ii Ġie deċiż li ssir laqgħa fis-6 ta' Mejju 2014 sabiex il-Perit tal-Kunsill jispjega din il-fattura ta' Vella Group fid-dettal.

iv. Il-Kunsillier Ishmael Dalli staqsa kjarifika dwar il-fattura ta' Mark Tower Crane ltd. Ġie spjegat lilu li dan kien kiri ta' tower ladder biex tneħħiet ix-xibka tal-5 aside football grawnd.

v. Il-Viċi Sindku qal li fl-iskeda hemm fatturi datati bejn wieħed u ieħor 18-il sena ilu. Hu rrimarka li hu qatt ma jista' japprova pagament għal xogħol li sar fis-snin bejn 1997-1999 meta hu ma kienx fil-Kunsill. Is-Seg. Eżek spjega li dawn il-kontijiet baqgħu pendenti saħansitra l-Awdituri qed ta' kull sena jagħmlulna rimarka fil-Management Letter. Dawn il-fatturi għadhom irreġistrati fl-accounts tal-Kunsill.

v.i Ġie deċiż li nitolbu l-uffiċċju tal-Perit aktar dettalji dwar dawn il-fatturi wkoll.

vi. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-fatturi ta' Road Maintenance Services Ltd. Għal fatt li dawn huma kważi d-doppju mill-kwotazzjonijiet li ġew mgħoddija f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill.

vi.i Is-Sindku wieġeb li f'dan il-każ huwa jerfa' r-responsabbilta' kollha għall fatt li mexa mat-tabelli eżistenti pero meta bdew jitwaħħlu t-tabelli skond il-kwotazzjoni, sab li kien għad jonqos it-tabelli kollha fis-side roads. Għalhekk it-tabelli kważi irdoppjaw. Saħansitra peress li xi residenti ma riedux tabelli mwaħħlin mal-ħajt kellna nordnaw l-arbli. Il-Viċi Sindku rrimarka li suppost it-TM tibgħat pjanti b'indikazzjoni ta' tabelli neċessarji u b'hekk il-Kunsill kien ikollu indikazzjoni ċara ta' kemm tabelli kellu bżonn.

v Il-Kunsill approva unanimament li jitħallsu l-fatturi kollha fuq l-Iskeda ta' Pagamenti Nru 14/07, apparti dawk ta' Building & Design Consultants Ltd kif ukoll dik ta' Vella Group. Din l-iskeda ser tiġi iffirmata wara l-laqgħa li ser issir mal-Perit.

## 4. Komunikazzjoni mis-Sindku

**i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-uffiċċju waslet petizzjoni ffirmata minn 160 persuna fosthom 4 sidien mis-sitt ħwienet li hemm f'din it-triq. Din il-petizzjoni intbgħatet lill-Prim Ministru, lill-Ministru Joe Mizzi, lic-Chairman tat-TM sur James Piscopo, lill-Perit Audrey Testaferrata de Noto TM, kif ukoll lill-GRTU. Triq Dejma

**i.i** Is-Sindku kompla jispjega li sadanittant ser jintalbu linji gwida lill-Perit A. Testaferrata de Noto dwar is-sinjali u l-marki tat-traffiku neċessarji li jsiru fi Triq Dejma.

**i.ii** Is-Sindku qal li b'mod verbali sid il-ħanut IL-MINĊOTT talab li ssir un/laoding bay quddiem il-ħanut tiegħu filwaqt li sid il-ħanut WJA kiteb lill-Kunsill sabiex ukoll tiġi kkunsidrata un/loading bay quddiem il-ħanut tiegħu. Dawn iż-żewġ talbiet flimkien ma talba oħra għal un/loading bay fi Triq Ġorġ Caruana ntbgħatu t-tlieta separatament għall-kunsiderazzjoni tat-TM. 3 talbiet għall-un/loading bays

**i.iii** Is-Seg. Eżek. Qal li f'dan ir-rigward sar ukoll enforcement qawwi minn naħa tal-President tar-Reġjun Xlokk sabiex il-wardens jimxu skond is-schedule miftiehma.

**ii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xogħol ta' major patching fi Triq Santa Marija fil-parti bejn Triq B'Buġia u k/m Vjal Simmons issa huwa lest u l-Perit iċċertifika x-xogħol. Kemm il-Perit kif ukoll il-Kuntrattur ippreżentaw l-kontijiet rispettivi tagħhom għal dan ix-xogħol li jinsabu elenkati fl-iSkeda ta' Pagamenti għal din il-laqgħa. Major patching Triq Sta Marija

iii. Fir-rigward tat-tender tal-Ġbir ta' Skart Domestiku, il-Viċi Sindku talab li l-Kuntrattur jipprovdi lill-Kunsill kopja tal-payslips tal-impjegati li għandu assenjati fuq Ħal Tarxien. Dan qiegħed jitolbu minħabba xi każ ta' prekarjat. Tender Ġbir ta' skart domesstiku

*Tender Cold Asphalt*

iv. Rigward it-Tender tal-cold asphalt is-Seg. Eżek. nforma lill-Kunsill li d-Dipt Gvern Lokali f'dan il-każ partikolari tana gwida sabiex it-tender tinħareġ għal sena waħda biss. Ladarba wara sena tiskadi imbagħad trid tinħareġ tender mill-ġdid.

*Daħla fi triq Gorg Caruana*

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward ta' Triq Ġorġ Caruana fejn hemm daħla mingħajr isem , għadu qed jistenna aktar dettalji.

*Xiri ta' Software għas-sistema tal-permessi*

vi. Is-Seg. Eżek. Informa lill-Kunsill li fir-rigward ta' xiri ta' software għas-sistema tal-permessi mingħand il-kumpanija LORNIT, tkellem mal-AKL u qalulu li ma jsibux oġġezzjoni. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li tinxtara din is-sistema kompjuterizzata.

*Arbli godda fi Pjazza Agatha Barbara*

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ż-żewġ arbli b'żewġ floodlights fuq kull wieħed fi Pjazza Agatha Barbara issa twaħħlu mill-Kumpanija NEXOS u qed nistennew li l-Enemalta tgħaddi l-connection.

*-Kunsillier Ismael Dalli attenda fis-6.15pm*

*Ittri ta' ringrazzjament u awgurju*

viii. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li peress li kien hemm xi tibdil fil-Kabinett tal-Ministri qed jissuġġerixxi li, jintbgħatu żewġ ittri waħda ta ringrazzjament lill-Onor. Herrera u oħra ta' awgurju lill-Onor. Buontempo.

viii.i Is-Seg. Eżek. Ser jieħu ħsieb jibgħat dawn l-ittri.

*GREENPAK*

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas-Sna Charlene Mercieca Magro Waste Recycling Officer mal-kumpanija GREENPAK kemm dwar l-isponsorjar tal-leaflet fejn infurmawna li ser iħallsu nofs l-ispejjeż tal-istampar u kif ukoll dwar jekk hux possibli li jingħata ċavetta tal-bring in sites tal-karti sabiex sid ta' ħanut li hemm fi Triq Gorg Caruana jkun jista' jiftaħ l-għatu u jarmi direttament il-kaxxi goffi li jkollu. Is-Sindku qal li ngħata din iċ-ċavetta.

ix.i Sadanittant huwa kompla jispjega li hekk kif kien hemm, infurma lill-GREENPAK li bħalissa l-Kunsill għandu kuntrattur ġdid li jiġbor l-iskart domestiku. Is-Sur Daniel Tabone talbu sabiex jagħtih il-prezzijiet li dan il-Kuntrattur il-ġdid għandu mal-Kunsill. Sadanittant is-Sindku talab lis-Seg. Eżek sabiex jibgħat d-dettalji mitluba. Is-Sindku qara l-ittra/email li bgħat is-Seg. Eżek. Fejn fiha kien hemm indikazzjoni li l-Kunsill jixtieq li l-kuntratt tal-ġbir tal-borża l-ħadra jingħata lil dan il-Kuntrattur il-ġdid sabiex b'hekk il-Kunsill ikollu kontroll assolut fuq il-ġbir ta' skart kollu.

ix.ii F'dan il-waqt hekk kif kien ukoll mistenni attenda s-Sur Daniel Tabone mill-Kumpanija GREENPAK.

ix.iii Il-Viċi Sindku staqsa lill-Kunsillieri l-oħra preżenti jekk kienux jafu b'dik l-email ittra li intbgħatet? Il-Kunsillieri Frans Agius u Lawrence Bonavia kkonfermaw li tali email ittra qatt ma ssemmiet fil-Kunsill.

ix.iv Il-Viċi Sindku rrimarka li ladarba dan is-suġġett ma ġie diskuss f'ebda laqgħa tal-Kunsill din l-ittra b'xewqa li jinbidel il-kuntrattur qatt ma missa ntbgħatet għaliex id-deċiżjoni ma kenitx biss tas-Sindku u Seg. Eżek. imma tal-Kunsill kollu.

ix.iv.i Is-seg. Eżek. wieġeb li huwa ra l-kuntratt li hemm mal-GREENPAK u ra li n-norma hija li jkun l-istess kuntrattur. Il-Viċi Sindku ċaħad dan għal fatt li dan il-Kunsill stess fil-passat kellu żewġ kuntratturi differenti wieħed li jiġbor l-iskart domestiku u ieħor li jiġbor il-borża l-ħadra ta' kull nhar ta' Tlieta. Huwa kompla jispjega li kien biss bi qbil bejn iż-żewġ kuntratturi li wieħed ċeda li jkun l-kuntrattur l-ieħor li jiġbor kollox u saħansitra għaliex aċċettat il-GREENPAK peress li kellhom l-istess rata ta' ħlas li kellna kuntrattur wieħed.

ix.v Intervjena Daniel Tabone u talab lill-Kunsill sabiex jagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ kuntratti. L-interess tiegħu f'isem il-Kumpanija GREENPAK kien għal ġbir ta' kull nhar ta' Tlieta tal-borża l-ħadra. Hu qara parti mill-kuntratt fejn ikkwota li "the company shall seek to endeavour the same contractor as that for collection of domestic waste which the Council has". Huwa kompla jispjega li l-kumpanija GREENPAK m'għandha ebda problema ma ebda wieħed miż-żewġ kuntratturi in kwistjoni ladarba jkun hemm qbil fuq ir-rati ta' ħlas.

ix.vi Is-Sindku reġa staqsa lis-sur Tabone jekk jiftakarx li hemm xi ħaġa fil-kuntratt fejn tidentifka dak li għadu kemm spjega. Huwa reġa rreferih għal dak ikkwotat minnu stess ftit qabel. Il-kumpanija qed tħalli l-opzjoni f'idejn il-Kunsilli. Is-Seg. Eżek kompla li l-importanti ma jkunx hemm dizgwid bejn il-kuntratturi.

ix.vii Il-Viċi Sindku reġa tenna li l-Kunsill qatt u qatt ma rrakomanda li jinbidel il-kuntrattur. Huwa kompla jispjega li saħansitra sa fejn hu nfurmat hu, dan il-każ qatt ma kien diskuss waqt xi laqgħa tal-Kunsill. Is-Seg. Eżek. wieġbu li fl-ittra ma nkitibx li l-kunsill jirrakomanda imma li jixtieq. Il-Viċi Sindku wieġbu li lanqas dan ma setgħa jikteb ladarba ma kienx hemm qbil fil-Kunsill. Il-Viċi Sindku reġa staqsa lill-Kunsillieri jekk xtaqux li ssir xi bidla? Il-Kunsillier Keith Darmanin wieġeb li sa fejn jaf hu dan il-każ qatt ma ġie diskuss.

ix.viii Is-Sindku rrimarka li huma dan il-każ qatt ma ddiskutewh. Il-Viċi Sindku wieġbu li allura ladarba huwa qed jikkonferma li dan il-każ qatt ma tqajjem waqt laqgħa tal-Kunsill, b'liema dritt intbgħatet dik l-ittra u dan sar bi ksur ta' kwalunkwe regola.

ix.ix Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa x'inhi l-prassi f'kunsilli oħra? Is-Sur Tabone wieġbu li fil-maġġoranza l-Kuntrattur huwa l-istess wieħed filwaqt li f'każ partikolari baqgħu żewġ kuntratturi għall-fatt li ma kienx hemm qbil finanzjarju ma' kuntrattur minnhom.

ix.x Is-Sindku staqsa jekk f'dan il-każ il-Kunsill hux marbgħut mal-liġi tal-prekarjat.? Il-Viċi Sindku wieġbu, u s-sur Tabone kkonferma li ladarba l-kuntratt huwa bejn il-GREENPAK u l-kuntrattur, il-Kunsill mhux responsabbli.

s-Sur Tabone rtira mil-laqgħa sabiex il-Kunsill jkun jista jieħu deċiżjoni dwar il-każ.

ix.xi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur Salvu Mifsud kiteb lill-Kunsill fejn wera x-xewqa li jibqa' hu l-kuntrattur li jiġbor il-borża l-ħadra ta' kull nhar ta' Tlieta.

ix.xii Is-Sindku ressaq dan il-każ għal kummenti tal-Kunsillieri.

ix.xiii Il-Kunsillier Frans Agius ippropona u l-Kunsillier Ishmael Dalli ssekonda li Salvu Mifsud jibqa jiġbor il-borża l-ħadra ta' kull nhar ta' Tlieta.

ix.xiv Is-Seg. Eżek. ser jinforma lill-GREENPAK b'din id-deċiżjoni.

*'-Kunsillier Lawrence Bonavia rtira mil-laqgħa fis-7.00pm*

x Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit ipprepara pjanta li ġiet murija lill-Kunsillieri kollha għal proposta ta' open air gym li għaliha nieda skema s-Segretarjat tal-Isport. Dan l-open air gym huwa propost fi Triq Kurunell Mass. Open air gym

x.i Il-Kunsill qabel li nipproċedu b'dan il-proġett.

**5. Il-Proġett tal-ERDF 213 – Follow Up** ERDF

i. Il-Viċi Sindku rrimarka li dan il-Kunsill huwa marbgħut għal ħames snin li l-proġett tal-ERDF 213 jiffunzjona skond dak indikat fuq l-applikazzjoni.

ii. Il-Kunsillier Frans Agius ser jieħu ħsieb jifformola ittra sabiex terġa tintbgħat liċ-Chairman MTA biex nitolbuhom ko-operazzjoni fit-tmexxija tal-information kiosk.

iii. Il-Kunsillier Frans Agius ser jipprova jġib kuntatt tal-Għaqda tal-Artigganat Malti forsi naraw nistgħux nagħmlu ftehim ta' ko-operazzjoni magħhom ukoll.

**6. Tkomplija tat-toroq tal-PPP**

Dan is-suġġett ġie diskuss waqt l-ispjegazzjoni tal-Audited Financial Statements.

## 7. Live Streaming

i Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li reġa għal diversi drabi pprova jagħmel kuntatt mas-Sur Ray Abela ta' TCTC sabiex jipprovdilu kwotazzjoni imma baqa' ma rċieva xejn. Live Streaming

i.i Il-Viċi Sindku qal li f'dan il-każ il-Kunsill jinsab kontra kull ċirkolari / memo li ħareġ id-dipartiment..

ii. Il-Kunsill qabel li tinħareġ tender għal Live Streaming.

## 8 Rapport tal-Kunsillieri

*Rapport mill-Viċi Sindku Paul Farrugia*

i. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li f'Misraħ tas-Suq Sqaq Nru 2, resident kisser iż-żonqor f'diversi punti u ħawwell fl-art dirett. Huwa spjega li dan jista' jwassal li l-għeruq jibda jtella' l-art apparti li jista' jmiss d-drenaġġ. Ħsara fl-art f'Misraħ tas-Suq

ii. Il-Viċi Sindku talab li dan l-individwu jneħħi kollox u jirritorna kollox lura kif kien.

iii. Is-Sindku ser jkellem lill-individwu biex jirrimedja s-siwazzjoni.

*Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

i Is-Sur Agius qal li l-invoice lit-TCTC suppost tħallset u għal-Lulju għandhom jibdew il-korsijiet tal-iKids. TCTC

ii Is-Sur Agius qal li twaħħlet kamera tas-sigurta fil-kamra tal-kompjuters. Camera

iii Is-Sur Agius qal li rċevejna mingħħand id-Dipt tal-Edukazzjoni li reġgħu niedhew il-korsijiet tal-Life Long Learning. Huwa qed jissuġġerixxi li napplikaw għal dawk il-korsijiet li huma bla ħlas għaliex il-Kunsill m'għandhux flus allokati għall-edukazzjoni. TCTC

Il-Kunsill qabel unanimament.

*Rapport Mill-Kunsillier Keith Darmanin*

i. Is-Sur Darmanin qal li lezzjonijiet taż-Zumba bdew u sejrin tajjeb ħafna. Qegħdin jipparteċipaw xi 80 ruh. Zumba

ii Huwa qal li saret Laqgħa Pubblika flimkien mal-Ispettur Frans Micallef u kien hemm attendenza tajba ħafna. Huwa staqsa fhix waslu l-istickers tan-Neighbourhood Watch. Is-Sindku wieġeb li għad ma sar xejn dwarhom. Is-Seg. Eżek. ser jivverifika dwarhom. Laqgħa għall-Pubbliku

iii Il-Kunsillier Ismael Dalli seħaq li qed isiru complaints għall-vannijiet il-kbar li jipparkjaw taħt il-gallarijiet tan-nies u b'hekk qed ikunu ta' nkonvenjent. Qed jitlob sabiex niġbdu l-attenzjoni tal-persuni responsabbli miz-zoni tan-Neighbourhood Watch. NW

iv Is-Sur Darmanin talab sabiex f'laqgħa oħra jiġi diskuss is-Serata tan-Nominazzjonijiet kollha. Nominazzjonijiet

v. Is-Sur Darmanin talab sabiex lill-parteċipanti tal-Aerobics, madwar 60 persuna jingħatalhom ċertifikat. Ġie deċiż li jmur għand stationery u jipprintjahom hemm. Certifikati

*Rapport mill-Kunsillier Ishmael Dalli*

i. Is-Sur Dalli nfurma lill-Kunsill li s-Sibt 14 ta' Ġunju ser jerġa jorganizza l-ġbir tat-tessuti minn quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Ġbir tat-tessuti

ii. Is-Sur Dalli talab sabiex jinżabru s-siġar fis-Centre strip ta' Triq San Anard Żbir ta' Siġar

*Rapport mill-Kunsillier Doris Vella*

i Is-Sinj. Vella qalet li għall-ħarġa f'Ta' Peppi's Sliema kien hemm attendenza tajba ħafna. Tqassmet figolla lil kull min attenda. Ħarġa Peppi's sliema

ii Is-Sinj. Vella qalet li ser tkun organizzata ħarġa ta' jum l-omm fl-20 ta' Mejju fil-Palm Valley. Il-prezz ser ikun ta' €15.00 kull persuna Ħarga Jum l-Omm

iii Is-Sinj. Vella qalet li ser torganizza laqgħa minħabba l-ġurnata ta' Sqallija sabiex jevalwaw il-kwotazzjonijiet miġbura. Gurnata Sqallija

## 9 Ħwejjeġ Oħra

i Is-Sindku nforma l-Kunsill li fil-grawnd tal-Kunsill ġew organizzati jumejn Sports Day tat-Tfal tal-Primarja ta' Raħal Ġdid. Il-Kunsill qabel li jħallas it-trasport. Sports Day

ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser nipparteċipaw fil-Wirja mtellgħa mill-Malta Horticultural Society ġewwa il-Ġonna ta' San Anton. L-arranġament tal-fjuri li rridu ntellgħu jiswa madwar €25. Wirja Malta Horticultural Society

Il-Kunsill qabel li nipparteċipaw u nagħmlu l-arranġament tal-fjuri.

iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bi pjaċir ser tkun fostna banda barranija The Royal Marines Association Band li ser ittellgħa kunċert fuq il-plancier fil-pjazza tal-knisja nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014 fit-8.30pm. Huwa kompla jispjega li għal din is-serata l-Kunsill mhux ser jħallas xejn ħlief li jipprovdi t-trasport tal-orkestra. The Royal Marines Band

iv. Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li l-impjegata s-Sna Maria Aquilina rriżenjat minn mal-Kunsill tagħna peress li sabgħet xogħol ieħor. Għalhekk inħolqot vakanza f'dan il-Kunsill. Is-Seg. Eżek. talab lid-Dipt. Gvern Lokali sabiex jagħtina permess noħorġu sejħa interna għal żewġ impjegati fuq Skala 15. Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li sadanittant daħlet diġa applikazzjoni waħda minn Kunsill Lokali ieħor. Rizenja ta' impjegata u sejħa għal 2 impjegati'

## 10 Għeluq tal-Laqgħa

i Il-laqgħa ntemmet fis-8.30pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2014 fil-5.30pm

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**

no agenda. Agenda no 18/07. 8th April/2014. (no program.